32006D0681

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' l-10 ta' Ottubru 2006

li jaġġusta l-koeffiċjenti korrettivi applikabbli mill-1 ta' Awwissu 2005, l-1 ta' Settembru 2005, l-1 ta' Ottubru 2005, l-1 ta' Novembru 2005, l-1 ta' Diċembru 2005 u l-1 ta' Jannar 2006 li jaffettwaw il-pagi ta' l-uffiċjali, l-aġenti temporanji u l-aġenti kuntrattwali tal-Komunitajiet Ewropej issekondatai fil-pajjiżi terzi

(2006/681/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolamenti ta' l-Istaff ta' l-uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej u r-reġim applikabbli għall-aġenti oħra tal-Komunitajiet, iffissati bir-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68 [1], kif emendati l-aħħar bir-Regolament (KE, Euratom) Nru 2104/2005 [2], u notevolment it-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 13, ta' l-Anness X tiegħu,

Billi:

(1) Permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 351/2006 [3] kienu ffissati, b'applikazzjoni ta' l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 13, ta' l-Anness X tar-Regolamenti, ta' l-Istaff il-koeffiċjenti korrettivi li jaffettwaw il-pagi, mill-1 ta' Lulju 2004, fil-valuta tal-pajjiż fejn huma ssekondati, ta' l-uffiċjali, l-aġenti temporanji u l-aġenti kuntrattwali tal-Komunitajiet Ewropej issekondati fil-pajjiżi terzi.

(2) Huwa meħtieġ li jkunu adattati, b'konformità mat-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 13, ta' l-Anness X ta' l-Istatut, mill-1 ta' Awissu 2005, l-1 ta' Settembru 2005, l-1 ta' Ottubru 2005, l-1 ta' Novembru 2005, l-1 ta' Diċembru 2005 u l-1 ta' Jannar 2006, uħud minn dawn il-koeffiċjenti korrettivi, minħabba li fl-istatistiki għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni, il-varjazzjoni fl-għoli tal-ħajja, ikkalkulata skond il-koeffiċjent korrettiv u r-rata tal-kambju korrispondenti, tidher li hi, għal ċerti pajjiżi terzi, superjuri għal 5 % mill-aħħar iffissar jew adattament,

IDDEĊIDIET:

Artikolu uniku

B'effett mill-1 ta' Awissu 2005, l-1 ta' Settembru 2005, l-1 ta' Ottubru 2005, l-1 ta' Novembru 2005, l-1 ta' Diċembru 2005 u l-1 ta' Jannar 2006, il-koeffiċjenti korrettivi, applikabbli għall-pagi ta' l-uffiċjali, l-aġenti temporanji u l-aġenti kuntrattwali tal-Komunitajiet Ewropej issekondati f'pajjiżi terzi imħallsa bil-valuta tal-pajjiż fejn huma ssekondati, huma adattati kif indikat fl-Anness.

Ir-rati tal-kambju użati għall-kalkolu ta' dawn ir-rimunerazzjonijiet huma stabbiliti b'konformità mal-modalitajiet ta' eżekuzzjoni tar-Regolament Finanzjarju u jikkorrispondu mad-data indikata fl-ewwel paragrafu.

Magħmul fi Brussell, nhar il-10 ta' Ottubru 2006.

Għall-Kummissjoni

Benita FERRERO WALDNER

Membru tal-Kummissjoni

---

[1] ĠU L 56, 04.03.1968, p. 1.

[2] ĠU L 337, 22.12.2005, p. 7.

[3] ĠU L 59, 01.03.2006, p. 1.

ANNESS

Pajjiżi ta' ssekondar	Koeffiċjenti korrettivi Awwissu 2005
Il-Gujana	60,6
In-Niġer	97,1
Ir-Rumanija	60,9
Yemen	72,5
Iż-Żimbabwe	56,4

Pajjiżi ta' ssekondar	Koeffiċjenti korrettivi Settembru 2005
Il-Ginea	61,6
Sierra Leone	78,2
Iż-Żimbabwe	43,5

Pajjiżi ta' ssekondar	Koeffiċjenti korrettivi Ottubru 2005
Il-Barbados	134,5
Il-Lesoto	74,0
In-Niġerja	93,2
Iż-Żimbabwe	55,2

Pajjiżi ta' ssekondar	Koeffiċjenti korrettivi Novembru 2005
Il-Benin	97,5
Il-Kambodja	70,6
Il-Gambja	56,6
Il-Ginea	63,7
L-Indonesja	82,8
In-Nikaragwa	70,0
Ir-Repubblika Domenikana	78,1
Is-Senegal	82,2
Is-Serbja u l-Montenegro	65,0

Pajjiżi ta' ssekondar	Koeffiċjenti korrettivi Novembru 2005
It-Turkija	97,9
L-Ukraina	107,8
Il-Vjetnam	56,7
Iż-Żimbabwe	28,9

Pajjiżi ta' ssekondar	Koeffiċjenti korrettivi Diċembru 2005
Il-Kosta Rika	75,7
Il-Ħaïti	102,0
Il-Ġamajka	96,1
Il-Możambik	69,4
Is-Sirja	70,4
Iż-Żimbabwe	32,5

Pajjiżi ta' ssekondar	Koeffiċjenti korrettivi Jannar 2006
L-Arġentina	64,4
L-Etjopja	86,0
Il-Ġordan	82,1
Ir-Rumanija	61,1
Is-Sudan	50,1
Is-Sirja	72,2
Il-Veneżwela	70,6
Iż-Żambja	82,6
Iż-Żimbabwe	34,0